**63. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali l-Onor. Evarist Bartolo ppropona:-**

Illi dan il-Parlament japprova t-twaqqif tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni.

L-għanijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni huma li:

(i) tistudja u tiġbor informazzjoni dwar l-edukazzjoni f'Malta;

(ii) flimkien ma' edukaturi, riċerkaturi soċjali, amministraturi, ġenituri, studenti u azjendi kummerċjali u industrijali tidentifika l-ħtiġijiet ta' Malta f'kull qasam ta' l-edukazzjoni u taħriġ fl-isfond ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'Malta;

(iii) tagħmel rakkmandazzjonijiet għall-bidliet li jkun hemm bżonn biex l-edukazzjoni f'Malta tkun waħda effettiva u tiżgura li l-pajjiż ikollu nies bil-ħila meħtieġa għassoċjeta' u għall-ekonomija moderna tal-futur;

(iv) tagħmel awditjar soċjali regolari dwar kif ikunu qegħdin jitmexxew u jingħataw isservizzi edukattivi;

(v) tippubblika rapporti dwar ir-riċerka u r-rakkmandazzjonijiet tagħha;

(vi) tressaq fil-Parlament rapport annwali dwar il-ħidma tagħha.

Il-Kummissjoni għandha tkun magħmula minn Chairman u numru ta' membri li ma jkunx iżjed minn sittax-il membru li fil-fehma tal-Ministru għall-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali, jkunu jirrappreżentaw id-diversi oqsma ta' l-edukazzjoni, l-amministrazzjoni, il-ġenituri, lekonomija, il-kultura u l-unions.

Il-ħatra tkun għal mill-inqas tliet snin.

Il-Kummissjoni għandu jkollha staff permanenti li jkun kompost minn:

(a) Uffiċjal Eżekuttiv - mis-settur pubbliku - maħtur mill-Ministru għall-Edukazzjoni għal perjodu ta' tliet snin;

(b) Membri amministrattivi u klerikali ta' l-istaff jinħatru miċ-Chairman tal-Kummissjoni fuq talba ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv.

L-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kummissjoni għandu jħejji l-estimi annwali u jippreżentahom għallapprovazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tkun iffinanzjata mill-Gvern b'vot annwali. Hija tista' wkoll tattira u tiġbor fondi għall-ħidma tagħha minn sorsi privati bħall-oqsma ta' l-ekonomija u istituzzjonijiet oħra.

L-ewwel Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni hija ffurmata hekk:-

Chairman: Dr. Dominic Fenech, Ph. D.

Membri: Dr. Ronald Sultana, B.A. (Hons.), Dip. Guid. & Coun., Dip. Rel. Stud., D. Phil.

Is-Sur Charles Mizzi, B.Sc. (Hons.), M.Sc. (Exeter)

Is-Sur John Bencini, B.A. (Gen.), Lic. Phil.

Dr. Mary Darmanin, Ph.D.

Is-Sinjura Josephine Camilleri

Is-Sur Joe Cauchi, B.A. (Hons.), P.G.C.E., Dip. Ed. Adm. Mgt., M.Ed.

Is-Sur Frans Borg

Is-Sur Joe Zerafa

Is-Sur Tony Cassar

Is-Sinjura Bernie Mizzi, B.Educ. (Hons.)

Is-Sinjura Salvina Muscat

Is-Sur Oliver Pace, B.A., B.Educ., B.Phil.

Is-Sur James Pearsall, I.Eng.CEI, Dip.Soc.Stud.

Fr. Ray Francalanza, O.S.A., S.Th.Lic.

Is-Sur Alfred Agius

Is-Sur William Gatt, M.A.(Ed.), Dip. Ed., M.I.A.P.

05.12.96

**L-Onor Anglu Farrugia ressaq din l-emenda:**

Fil-paragrafu li jibda bil-kliem "Il-Kummissjoni għandha tkun magħmula minn Chairman" minflok il-kliem "ma jkunx iżjed minn sittax-il membru" għandhom jidħlu l-kliem "ma jkunx iżjed minn sbatax-il membru".

**L-Emenda għaddiet nem. con.**

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet.**